

### Nuqqas u insuffiċjenza ta' prova li jwassal għal nuqqas ta' stħarriġ mill-Qorti Ġenerali

Il-provi mitluba mill-appellanti ma ġewx prodotti u dawk prodotti mill-appellata ma jipprovd l-ebda indikazzjoni probatorja peress li kważi d-data kollha fihom tinsab ingassata.

### Ksur tal-prinċipju ta' kontradittorju u ta' opportunitajiet ugwali

Id-dokumenti prodotti mill-Kummissjoni Ewropea kienu ingassati u mingħajr data, u kienu jipprekludu lill-appellanti milli twettaq kwalsiasi analiżi kontradittorja, u għaldaqstant din tal-aħħar la tqis li għandhom jitqiesu li huma provi validi u lanqas ma tqis li l-Qorti Ġenerali kellha tikklasifikahom bħala provi.

### Żnaturament tal-fatti

Id-dokumenti ingassati u mingħajr data wasslu sabiex il-Qorti Ġenerali temmen li kien jeżisti prinċipju ta' legalità fl-allegat teħid ta' ritratti, u l-appellanti ma kinitx fpożizzjoni li tikkonfuta dan minħabba li d-dokumenti inkwiżtjoni kienu neqsin minn kwalsiasi prova. L-ingassar tad-data tad-dokumenti sar b'applikazzjoni żbaljata tal-prinċipju ta' protezzjoni tad-data li jirriżulta mid-Direttiva tal-1995<sup>(1)</sup>

<sup>(1)</sup> Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-24 ta' Ottubru 1995, dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-iproċċassar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU Edizzjoni Specjalibil-Malti, Kapitulu 13, Vol. 15, p. 355)

---

### **Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Letrado de la Administración de Justicia del Juzgado de Violencia sobre la mujer único de Terrassa (Spanja) fit-18 ta' Novembru 2015 – María Assumpció Martínez Roges vs José Antonio García Sánchez**

(Kawża C-609/15)

(2016/C 038/49)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

### **Qorti tar-rinvju**

Letrado de la Administración de Justicia, Titular de la Secretaría del Juzgado de Violencia sobre la mujer único de Terrassa

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: María Assumpció Martínez Roges

Konvenut: José Antonio García Sánchez

### **Domandi preliminari**

- 1) L-Artikoli 34 u 35 (Liġi 1/2000) huma inkompatabbli mal-Artikoli 6(1) u 7(2) tad-Direttiva 93/13/KEE<sup>(1)</sup> u mal-Artikoli 6(1)(d), 11 u 12 tad-Direttiva 2005/29/KE<sup>(2)</sup>, sa fejn jipprekludu l-verifika *ex officio* tal-eventwali klawżoli iṅġusti jew prattiċi kummerċjali żleali inklużi f'kuntratti bejn avukati u persuni fiżiċċi li jaġixxu b'għan barra mill-isfera tal-attività professjonali tagħhom?

2) L-Artikoli 34 u 35 (Liġi 1/2000) huma inkompatibbli mal-Artikoli 6(1) u 7(2) u mal-punt 1(q) tal-Anness għad-Direttiva 93/13/KEE, sa fejn jippreklu l-produzzjoni tal-prova fil-proċedura amministrattiva għall-irkupru ta' onorarji mhux imħalla bil-għan tar-riżoluzzjoni tat-tilwima?

<sup>(1)</sup> Direttiva tal-Kunsill 93/13 KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli ingħusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 15, Volum 2, p. 288)

<sup>(2)</sup> Direttiva 2005/29/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, dwar pratti kummerċjali żleali fin-negożju mal-konsumatur fis-suq intern, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Direttiva dwar Pratti Kummerċjali Żleali") (ĠU L 149, p. 2)

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberlandesgericht Düsseldorf (il-Ġermanja) fit-23 ta' Novembru 2015 – Hummel Holding A/S vs Nike Inc. u Nike Retail B.V.**

**(Kawża C-617/15)**

(2016/C 038/50)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Oberlandesgericht Düsseldorf

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Hummel Holding A/S

Konvenuti: Nike Inc., Nike Retail B.V.

**Domanda preliminari**

Taħt liema kundizzjonijiet kumpannija ġuridikament indipendent, stabbilita fi Stat Membru tal-Unjoni, li hija sottosussidjarja ta' impriża li ma għandhiex hija stess is-sede tagħha fl-Unjoni, għandha titqies li hija "stabbiliment" ta' din l-impriża fis-sens tal-Artikolu 97(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja <sup>(1)</sup>?

<sup>(1)</sup> ĠU L 78, p. 1.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (Franza) fit-23 ta' Novembru 2015 – Concurrence Sàrl vs Samsung Electronics France SAS, Amazon Services Europe Sàrl**

**(Kawża C-618/15)**

(2016/C 038/51)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Qorti tar-rinviju**

Cour de cassation

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Concurrence Sàrl

Konvenuti: Samsung Electronics France SAS, Amazon Services Europe Sàrl